# Ħal Tarxien u l-Baħħâra

*minn Joe Balzan*

Meta wieħed ikun sejjer lejn Birżebbuġa, fil-kantuniera qabel idur lejn Bulebel, jilmaħ niċċa bi xbieha ta' Marija Annunzjata. Niċċa, li biex ngħidu hekk, hija *landmark* li turi l-bidu tal-limiti ta' Ħal Tarxien. Din in-niċċa hija mibnija fuq stil barokk u skolpita minn Salvu Muscat, skultur Tarxiniż, fl-1762. Din in-niċċa, barra l-ħsara li ġarrbet dan l-aħħar u ġiet irranġata, kienet ukoll ġiet irranġata fl-1924, meta sfat milquta minn sajjetta.

Biex saret fl-1762, ħallsu għaliha il-baħħâra Tarxiniżi. Dawn kienu jbaħħru minn Malta għal postijiet fil-Mediterran, bħal Spanja u l-Portugal. Kienu jbaħħru ġeneralment fuq xwieni ta' negozjanti Maltin li kienu mdaħħla sew fil-produzzjoni u l-esportazzjoni tal-qoton. Waħda mill-familji, li kienet mhux biss tkabbar il-qoton, imma wkoll tespportaħ bix-xwieni li l-istess familja kellha, kienet dik tal-famuż skultur Tarxiniż - Marjanu Gerada. Din il-familja kellha nies impjegati magħha biex jaħdmu bħala bdiewa biex ikabbru l-qoton, kif ukoll baħħâra biex jesportawh lejn Spanja.

Kien bis-saħħa ta' dan, li Marjanu Gerada sar skultur gwapp. Dan ġara, għax darba fost l-oħrajn, iddeċieda, li fi Spanja jitgħallem l-arti ta' l-iskutura. Tant sar skultur ta' ħila, li kien skultur għar-Re ta' Spanja.

Meta rritorna Malta, huwa ħadem statwi titulari li aħna għadna ngawduhom sal-lum. Fost oħrajn, insibu dik ta' Sta. Marija ta' Ħal Għaxaq, Il-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, Sta. Katerina taż-Żurrieq u oħrajn. Jekk wieħed jinnota, dawn l-istatwi huma ta'stil Spanjol.

Barra minhekk, insibu wkoll xogħol famuż fil-ġebel, ta' dan l-iskultur, li nixtieq insemmi xi ftit minnhom, fosthom, dawk iż-żewġ funtani ta' mal-faċċata tal-kon-Katidral ta' San Ġwann u l-arma Imperjali li hemm fuq il-*Main Guard*, faċċata tal-Palazz Presidenzjali. Meta miet, Marjanu Gerada ġie midfun fil-Kappella tal-Kurċifiss fil-parroċċa Kolleġġjata ta' Bormla.



*Waħda mill-Graffitti (Xini) mal-Faċċata tal-Knisja*

Imma issa ħalli nkompli fuq il-baħħâra. Dawn żgur li f'Ħal Tarxien kienu numru mhux ħażin u bħalma wieħed jimmaġina, dan il-mistier, dak iż-żmien kien mhux biss wieħed iebes, imma wkoll ta' sogru. Għax skond kif ser naraw żgur li kien hemm minn dawn il-baħħâra li għaddew minn xi esperjenza li f' ċerti każi forsi ukoll ħelisha mill-mewt.

Dan qiegħed ngħidu, għax meta wieħed iħares lejn il-faċċata tal-knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal u jifli sew il-ġebel fil-livel ta' l-għajn, jilmaħ speċi ta' graffitti (biex ngħid hekk, votivi) ta' xwieni u tip ta' xwieni oħra tal-ġarr. Wieħed isib li hemm numru mhux ħażin minn dawn il-graffitti u hemm xi wħud li ftit baqa' jidher minnhom minħabba t-tniġġiż ta' l-arja (*pollution*). Dawn żgur li saru bi skop votiv (b'wegħda).

Hija ħasra li dawn qed jisparixxu, bejn għar-raġuni li semmejt u forsi minħabba xogħlijiet li saru, u peress li ma kinux indunaw bihom saret ħafna ħsara lil dawn il-graffitti. Issa, li wieħed huwa konxju minnhom, hemm bżonn li ssir xi ħaġa u nippriservaw ta' l-anqas dak li baqa' minnhom.

Dwar il-baħħâra f'Ħal Tarxien rajna li dawn kienu damu jeżistu għal żmien mhux ħażin, għax bħalma għedt, in-niċċa li mbniet fl-1762 mill-baħħâra, u nibqgħu nsibuhom imsemmija sa żmien l-Ingliżi f'Malta, meta komplew isaħħu l-prodizzjoni u l-espotazzjoni tal-qoton. Barra minhekk, l-oqsma ta' madwar Ħal Tarxien kienu magħrufa ħafna fit-tbakkir tal-qoton. Wieħed minn dawn l-oqsma, li kien magħruf għal hekk, huwa *Wied Garnaw*, fejn illum hemm Santa Luċija.



*In-Niċċa tal-Lunzjata fi Triq tal-Barrani, k/m Triq San Anard, Tarxien.*